# Is-Sewwa bil-Fatti

Kulħadd jemmen, u hekk għandu jkun, li għas-sewwa tal-istorja m'għandniex għalfejn niġbru lejn xawwatna. Ikun tajjeb li ninżgħu iż-żarbun li lbisna għal għexieren ta' snin, u hekk inġarrbu u nilbsu żarbun ġdid. Iun kollu ta' xejn li nilbsu żarbun ġdid fuq dak qadim li ilna nterrqu bih. Għalhekk, se nagħmluha ċara li din hi l-aħħar kelma. L-aħħar kelma mhux għaliex ma rridux nitkellmu aktar, iżda għaliex inħossu li dan għandu jkun kapitlu magħluq u maqbul bejn kull min għandu rieda tajba.

Bħala soċjetà, il-Banda l-Unjoni ma ssib, u ma tara l-ebda xkiel li taħdem u tistinka 'l quddiem f'ġieħ l-arti mużikali u l-għaqda fir-raħal ta' Ħal Luqa. Biex tħabrek f'kooperazzjoni sħiħa ħa tara l-festa titolari f'ġieħ Sant'Andrija tikber u tisraq qlub anke l-barranin. Bħala soċjetà aħna dejjem ħassejna d-dmir, u hekk għamilna u nibqgħu nagħmlu, li ħadmu ma' kulħadd. Iżda llum wasal iż-żmien, meta kulħadd jaħseb li qal tiegħu li nagħmlu l-affarijiet ċari, mikxufa fuq il-mejda kif dejjem għamilna, dan għall-ġid tal-istorja.

Aħna, kull dokument li kellna ħriġnieh mingħajr biża' u ħabi. U hekk stennejna li jagħmel ħaddieħor, anke meta ersaqna lejh u ma kienx lest jgħinna billi jurina dokumenti li tlabnieh. Issa wasal iż-żmien li ngħidu u nuru dak li rnexxielna nsibu, anke wara li ġie mitbugħ il-ktieb tas-soċjetà fis-sena 2005, bl-isem *Ħal Luqa u l-Banda tagħha l-Unjoni*. Sa dakinhar l-għan tagħna kien li noħorġu l-istorja tas-soċjetà tagħna fl-isfond tal-iżvilupp tar-raħal ta' Ħal Luqa. Storja li dejjem kienet konsistenti f'dak li għedna jew ktibna.

B'dan ma jfissirx li dan li qed niktbu għandu jitqies biss bħala tkomplija ta' dan il-ktieb, iżda, bħala riċerka kontinwa biex jiġi stabbilit bl-aktar mod konkret u serju, l-argument li tqanqal minn ħaddieħor dwar liema kienet l-ewwel banda ġewwa r-raħal ta' Ħal Luqa. Fehma, li sa ftit snin ilu meta bosta minn missirijietna kien għadhom ħajjin, ħadd ma kellu dubju dwarha – għax il-Banda L-Unjoni kienet magħrufa bħala l-ewwel banda Ħalluqija.

Dak li nkiteb fix-xogħol voluminuż *Ħal Luqa u l-Banda tagħha l-Unjoni*, jidhrilna li ġie ikkritikat b'mod anonimu bl-aktar mod baxx, l-aktar fuq il-mezzi elettroniċi moderni. Aħna ftit li xejn tajna widen ta' dan. Aħna aktar tajna widen tal-kritiċi ta' veru li kitbu kliem ta' tifħir kemm dwar l-awtur kif ukoll dwar in-nisġa tal-istorja nfisha. Dawn żgur li ma kinux imxaqilba, iżda kitbu fuq dak li qraw fil-ktieb dwar l-istorja tal-Banda L-Unjoni.

Iżda, meta s-soċjetà l-oħra tar-raħal waslet biex hi wkoll toħroġ il-ktieb tagħha f'għeluq il-125 sena, bl-isem *L-Għaqda Mużikali Sant'Andrija - Twelidha u Ġrajjietha* fl-2008, iggranfat ma' ħwejjeġ li lanqas huma dokumentati biex tikkritika l-pubblikazzjoni tal-Banda L-Unjoni. U terġa', biex bnew l-istorja tagħhom tal-bidu, ftit li xejn hemm referenzi, anzi l-parti l-kbira, l-ewlenin huma referenzi mingħajr bażi għax imsejsa fuq għajdut. Allura bilfors titħasseb u tħewden, kif wara dak l-għaġel kollu, ma joħroġ xejn

solidu, dokumentat jew imsejjes fuq riċerka metikoluża.

Il-Banda l-oħra ta' Ħal Luqa, jiġifieri mhux dik anzjana ta' L-Unjoni, daqqet għall-ewwel darba fil-pubbliku nhar il-15 ta' Awissu 1884.

Dan m'aħniex nghiduh aħna, iżda nkiteb fil-ġurnal *The Malta News and Independent* ta' nhar l-Erbgħa 27 ta' Awissu 1884. Għall-grazzja t'Alla, dan il-ġurnal ħadd ma skoprieh min-naħa tal-Għaqda Mużikali Sant'Andrija għax kieku ma nafux jekk illum kienx ikollna din l-evidenza ċara u dokumentata. Għall-benefiċċju ta' kulħadd, minbarra li se nġibu kopja tal-paġna ta' dan il-ġurnal fejn hemm din il-ktiba, se naqilbu għall-Malti dak li nkiteb bl-Ingliż. Il-kitba tgħid hekk:

*"Waħda miż-żewġ Soċjetajiet ta' Casal Luca għamlet l-ewwel dehra fil-pubbliku nhar il-Ġimgħa wara nofs inhar tal-15 tax-xahar ġo Casal Asciack, għall-festa tal-Madonna mtella' s-Sema; din is-soċjetà fil-preżent hija magħmula minn 16-il persuna. Xi tliet xhur ilu qabel ma kienu f'idejn id-direttur preżenti (il-magħruf is-Sur T. Galea) bilkemm kienu jafu jaqbdu strument b'idejhom, iżda minn mindu ilhom taħt idejn id-direttur preżenti, din għalkemm Banda żgħira, irnexxielha tesegwixxi dan il-programm:*

| | | |
|---|---|---|
| March | | T. Galea |
| Polka | L'Ardita | T. Galea |
| Valse | Elisa | T. Galea |
| March | Jone | Petrella |
| Mazurka | | T. Galea |
| Quadrilles | The Philarmonic | T. Galea |
| Galop | Off to Australia | T. Galea |

*Dan il-programm ġie esegwit b'mod eċċellenti minn dawn in-novizzi mużiċisti. Aħna sinċerament u mill-qalb nixtiequlhom progress u suċċess. Ix-xewqat tagħna ma jistgħux ifallu dment li jinsabu f'idejn Surmast tant magħruf.''*

Meta ltqajna ma' din il-kitba, m'emminniex li għamilna xi sejba kbira. Ħassejna biss li din il-kitba hija dokument awtentiku li jikkommemora l-ewwel ħarġa ta' 16-il alliev, li donnhom lanqas kellhom isem ta' Banda. Jew forsi kien għadhom ma ngħatawx il-permess li jagħmlu użu mill-istess isem tal-qaddis fl-isem tas-Soċjetà? Fuq kollox lanqas daqqew f'raħalhom. Insomma, kienet Soċjetà żgħira li rnexxielha tiġbed lejha Surmast tant bravu, is-Sur Tommaso Galea biex fi żmien tliet xhur ħarġu jdoqqu fil-pubbliku ġo Ħal Għaxaq għall-festa ta' Santa Marija.

Iżda f'din il-kitba hemm stqarrija oħra, xhieda qawwija li l-Banda L-Unjoni kienet diġà stabbilita u magħrufa. Għaliex hawn, iswed fuq l-abjad inkiteb *one of the two Philarmonic Societies of Casal Luca*. Allura kienu diġà tnejn, u t-tieni waħda, dik li magħad saret Banda Sant'Andrija xirfet barra għall-ewwel darba nhar il-15 ta' Awissu 1884, għax l-oħra L'Unione kien ilha ddoqq.

Imma żomm ftit, dawn il-bravi bandisti novizzi wkoll fi tliet xhur irnexxielhom jitgħallmu nofs tużżana marċi? U hawn il-moħħ ġera lura lejn il-ġrajja tal-Banda L-Unjoni, u ftakarna fl-ittra ta' *Wieħed Luki* li dehret f'paġna 3, fil-ġurnal *Il-Ħabbar Malti* tad-19 ta' Diċembru 1883.

F'dik il-kitba, dan il-Wieħed Luki ftakar u stagħġeb kif dawk il-bandisti rnexxielhom joħorġu jdoqqu wara tliet xhur studju biss! Allura, min kiteb fil-ġurnal *The Malta News*

*and Independent* kważi sena wara, kellu wkoll, jew ħass il-bżonn li jfaħħar din il-banda ġdida li wkoll ħarġet iddoqq fil-pubbliku *wara tliet xhur*! Iżda fil-kitba tagħna dwar l-istorja tal-Banda L-Unjoni, iżda wkoll dan il-paragrafu, li fid-dawl ta' llum narawh li jagħmel aktar sens minn qatt qabel, u nifhmu aħjar għaliex kien hemm dik l-għira u mibegħda. Fl-istess ittra, Wieħed Luki kompla hekk:

*"Kien xieraq iżda li kulħadd jaghmlilhom ftit tal-kuraġġ lil dawn iż-żgħażagh hekk ta' ħila. li biex jagħtu gost qegħdin jagħmlu dmirhom kollu,* ***imma huma ma jarawx ħlief żeblieħ*** *minn min imissu fl-erbat'ijiem li għandu x-xorti jismagħhom u jgħinhom b'qalbu kollha biex jgħaddu 'l quddiem."*

Fil-ktieb tal-Banda L-Unjoni, slitna din il-parti għaliex bassarna, mhux ħrafa ta' Esopu kif kien hemm min kiteb, iżda li veru ġo Ħal Luqa kien hemm għira u tfixkil kbir għal dawn l-ewwel bandisti ta' L-Unjoni. Bir-raġun kif kiteb l-awtur tal-ittra, dawn il-bandisti rċevew żeblieħ! Illum, jidher aktar ċar minn qatt qabel. L-ewwelnett għaliex dawn kienu jsawru l-ewwel banda minn meta seħħet il-firda, u allura kienu l-unika banda Ħalluqija. It-tieninett għaliex dawn il-bandisti kienu qed idoqqu fir-raħal ta' Ħal Luqa, meta kien waqa' ftit tas-skiet wara l-firda u bdiet tiġġedded l-ewwel banda mħarrġa mis-Surmast Vincenzo Camilleri, mgħejjun minn ibnu Gavino. Illum, din ir-rabja tinftiehem aktar għax fejn il-banda L-Unjoni esegwiet programm għall-ewwel darba ġo Ħal Luqa, it-tieni banda li ħarġet minn Ħal Luqa ma daqqitx fl-ewwel ħarġa tagħha fil-pubbliku f'Ħal Luqa, iżda bogħod minn darha, ġo Ħal Għaxaq. B'din is-sejba jinkixef ukoll li l-Banda Sant'Andrija mhux veru daqqet f'Diċembru 1883 għall-quddiesa tal-qassis Dun Mifsud kif jgħidu xi wħud.

Issa ejjew inkomplu nressqu l-bċejjeċ lejn xulxin biex hekk nibnu l-istampa ta' x'tassew ġara mill-fatti li għandna f'idejna. F'din l-ittra tal-ġurnal *Il-Ħabbar Malti*. *Wieħed Luki*, jfakkar u jfaħħar il-ġrajja ta' nhar il-Ħadd 9 ta' Diċembru 1883 meta saret il-festa tal-istatwa tal-Kunċizzjoni tal-Misraħ li ġewwa Ħal Luqa kienhemm devozzjoni kbira lejha. U jgħidilna li f'din il-festa, Il-Ħalluqin kellhom ix-xorti jisimgħu l-ewwel darba l-banda l-ġdida tagħhom, banda li b'ħila kbira, taħt it-treġija taż-żagħżugħ Gravino Camilleri, marret tajjeb ħafna. Għal darb'oħra, fl-ittra ta' sena wara naraw xebħ ieħor għaliex, l-isem tal-banda ma ssemmiex, u ssemma' biss is-surmast Tommaso Galea.

Issuktajna bir-riċerka tagħna, għax emminna li xi mkien għandu jkun hemm dokument li jsaħħaħ dak li diġà kellna f'idejna. Emminna, li jekk kienhemm min għal xi raġuni warrab jew ċaħħad lill-pubbliku minn ċertu tagħrif siewi li jitfa' dawl fejn sa llum kellna d-dlam, xi ħaġa ħarbitlu. Lilna għajruna li ma konniex serji fir-riċerka, li l-istorja hi dixxiplina li tistrieħ fuq l-evidenza u d-dokumentazzjoni... li l-għajdut, ix-xniegħat, u s-suppożizzjonijiet mhumiex fl-aġenda tal-istoriku... eċċ. Hekk kitbu fil-ktieb annwali tal-Għaqda Mużikali Sant'Andrija tal-2006 f'paġna 173.

S'issa diġà urejna bil-kitba li dehret nhar is-27 ta' Awissu 1884 kemm aħna serji u kemm infittxu. Huma, li jippretenduha ta' serji u bravi, għax *tas-Surtun* allura jridu jgħallmu lil ħaddieħor, jew ma fittxewx jew inkella riedu jaħbu, għaliex fil-ktieb tal-Għaqda Mużikali Sant'Andrija maħruġ fl-2008 ma sibna l-ebda referenza għal din il-kitba. U wkoll, ma sibna l-ebda referenza dwar din it-tieni prova li se nressqu, li tkompli tissustanzja li **l-Għaqda Mużikali Sant'Andrija kienet it-tieni banda ġewwa Ħal Luqa mwielda fl-1884**.

Mela, fil-ħarġa tal-ġurnal *The Malta News and Independent* ta' nhar l-Erbgħa 3 ta'

Settembru 1884, ħarġet aħbar oħra li kompliet tqawwielna qalbna li konna sibna tarf il-kobba li xi wħud xtaqu li tibqa' mħabbla. Fi-paġna mal-editorjal reġa' kien hemm artiku żgħir iżda mimli b'aktar dettalji, lifih inkiteb hekk. U hawn se nerġgħu nipproduċu din il-kitba bil-Malti biex kulħadd jifhem sew:

*"Is-Soċjetà Filarmonika Sant'Andrija ta' Casal Luca, taħt id-direzzjoni Mużikali tas-Sur T. Galea għamlet it-tieni wirja tagħha fil-pubbliku f'dak ir-raħal nhar il-Ħadd wora nofs inhar nhar il-31 ta' Awissu, u daqqet il-programm li ġej:*

| | | |
|---|---|---|
| Passo Doppio | Il 31 Agosto | T. Galea |
| Mazurka | Giselda | T. Galea |
| Selection | La Traviata | T. Galea |
| Valzer | Elisa | T. Galea |
| *Quadriglie (?)* | Filarmonica | T. Galea |
| Marcia | Casino S. Andrea | T. Galea |
| Polka | L'ardita | T. Galea |
| Galop | Off to Australia | T. Galea |

*Ħafna rġiel u professuri tal-Mużika li ncertaw preżenti qalulna li dan il-programm ġie esegwit ferm tajjeb. Ħafna tifħir huwa dovut lill-mexxej tagħhom, għaż-żelu u l-enerġija li bihom irnexxielu fi żmien tant qasir, iġib lil dawn il-ħaddiema (workmen) kapaċi jdoqqu l-programm li semmejna. Aħna ġejna mgħarrfa li s-Sur T. Galea qed iħejji programm ferm iżjed diffiċli għall-wirja li jmiss. Grazzi ħafna lis-Sur T. Galea u l-ġabra ta' studenti tiegħu."*

X'naraw u x'nitgħallmu minn din it-tieni kitba, jew aħbar? L-ewwel ħaġa hi li għandna konferma li din hi t-tieni darba li ħarġet iddoqq is-Soċjetà Filarmonika Sant'Andrija, u li allura l-ewwel aħbar fil-ġurnal tas-27 ta' Awissu 1884 kienet b'referenza għall-istess banda. It-tieni li f'din l-okkażjoni, il-banda Sant'Andrija daqqet il-marċi li esegwiet l-ewwel darba, u żiedu tliet marċi oħrajn, dejjem jekk il-*Marcia - Casino S. Andrea* ma kinitx l-istess *Marcia* li fetħu l-programm biha fl-ewwel ħarġa! Għax allura jiġi li fit-tieni ħarġa daqqew dawk tal-ewwel darba u żewġ marċi oħrajn.

Barra minn dan, tidher ħaġa oħra li mill-ewwel ħsibna fiha, iżda meta terġa' taqra din il-kitba tidher ferm aktar qawwija u ċara. L-imsieħba fis-Soċjetà Sant'Andrija kellhom seba' mitt ġenn biex juru li jeżistu. Kellhom ġenn akbar li jdoqqu f'pajjiżhom, jiġifieri Ħal Luqa, u hekk forsi wkoll, biex jagħtu risposta lill-avversarji tagħhom.

Dan għaliex daqqew f'Ħal Luqa nhar il-31 ta' Awissu, jiġifieri sittax-il ġurnata wara li daqqew f'Ħal Għaxaq. U l-ġurnata jidher li kienet fl-okkażjoni tal-festa taċ-Ċintura. Biex inkunu ġusti mal-istorja rridu nghidu li l-ġurnal *Malta* tat-3 ta' Diċembru 1884 qal li daqqew is-Sibt u l-Ħadd. Imma allura kif dan l-awtur li kiteb b'tant tifħir fil-*Malta News and Independent* ma semmiex li daqqew lejljiet il-festa wkoll. Jekk xejn, dan jurina l-għatx u n-nuqqas ta' tagħrif dokumentat min-naħa tas-Sur Ciappara kif ukoll mill-awtur Jesmond Grech li la rriċerkaw u lanqas ivverifikaw - anzi kitbu fuq dak li semgħu.

Dan it-tagħrif ikompli jtella' aktar żejt f'wiċċ l-ilma. Jidher li sa dik is-sena l-festa tal-Madonna taċ-Ċintura ma kinitx tiġi ċċelebrata daqshekk bil-kbir. U għalhekk il-Banda Sant'Andrija setgħet iddoqq mingħajr inkwiet, aktar u aktar meta l-prokuratur tagħha kien Ġużeppi Micallef. Iżda s-sena ta' wara l-1885 inqala' l-inkwiet għaliex bħala l-ewwel banda u l-aktar banda anzjana, il-Banda *L'Unione* applikat u ngħatat il-permess iddoqq

ukoll għall-festa taċ-Ċintura! Dan isostnieh il-ġurnal *Malta* tal-4 ta' Settembru 1885 u jkompli jżejjen l-istorja s-Sur Jesmond grech f'paġna 41 tal-ktieb tal-banda Sant'Andrija (2008), meta jfakkar li l-Prokuratur Sammut ried li ddoqq banda waħda.

Anzi l-festa taċ-Ċintura f'Ħal Luqa f'Awissu 1885 kibret bis-saħħa ta' L'Unione tant li żżanżan innu f'ġieħ il-Madonna b'mużika ta' Ferdinando Camilleri u versi tal-Ħalluqi Franġisk Azzopardi, u kor tat-tfal kanta mal-banda![1] Ta' min jinnota li mill-1886 u fis-snin ta' wara għal taċ-Ċintura dejjem daqqet biss il-Banda *L-Unjoni*. Dan seta' jsir għax il-prokuratur Micallef tneħħa meta l-maġġoranza tal-Ħalluqin li dejjem kienu Ajklieri għażlu lil Andrea Sammut. Dan juri l-popolarità li dejjem gawdiet l-Unjoni għar-raġuni tal-anzjanità u għaliex il-maġġoranza tal-poplu Ħalluqi kellu għal qalbu din l-ewwel banda.

Irid jingħata widen ukoll, li biex jħarġet iddoqq l-ewwel darba l-Għaqda Mużikali Sant'Andrija, ma kellux għalfejn japplika għall-permess il-kumitat tagħha, għax il-permess ġabuh ta' Ħal Għaxaq biex iddoqq għalihom fil-15 ta' Awissu 1884. Imbagħad, il-kumitat tal-Għaqda Mużikali Sant'Andrija ma kellu l-ebda diffikultà jġib permess idoqq ġo Ħal Luqa 16-il ġurnata wara, nhar il-31 ta' Awissu, ladarba f'dak il-jum ma kien hemm l-ebda applikazzjoni oħra fir-raħal.

Punt siewi hu li fil-ktieb tal-Għaqda Mużikali Sant'Andrija (2008) insibuhom jikkwotaw lis-Sur Noè Ciappara li Gavino Camilleri kien qed jieħu ħsieb il-bandisti tagħhom. Kieku din mhix fabbrikazzjoni, ibqa' żgur li kienu jdoqqu xi biċċa mużika li kitbilhom tul dawk is-snin mil-1878 sal-1880 jew aktar, li jixtiequ li ħadem magħhom. Imma xejn, lanqas marċ wieħed minn dawk is-snin, anzi l-marċi ta' dan is-surmast bravu jinsabu fl-arkivji tal-Banda L-Unjoni. Fil-fatt, fil-ftit xhur li kien ilu magħhom is-Surmast Tommaso Galea kitbilhom il-*Marcia Casino S. Andrea*! Marċ dedikat lill-każin!

Minn dan kollu jidher ċar li fl-1883 kien hemm kumitat bl-isem *Società Filarmonica San Andrea*, magħrufin fir-raħal ta' Ħal Luqa bħala *tal-Istilla*. Sal-ħabta tal-ewwel ġimgħa ta' Mejju 1884 ġabru biżżejjed persuni (16) li jdoqqu strument biex is-Surmast Tommaso Galea jkollu biex jaħdem. Tant, li fil-kitba li dehret fil-ġurnal *The Malta and Independent* ta' nhar l-Erbgħa 27 ta' Awissu 1884 kitbu: *"Xi tliet xhur ilu qabel ma kienu f'idejn id-direttur preżenti (il-magħruf is-Sur T. Galea) bilkemm kienu jafu jaqbdu strument b'idejhom..."*

**Allura, il-konklużjoni minn dan id-dokument u dokumenti oħra li flejna f'din il-kitba jwasslu li qabel Mejju 1884, ġo Ħal Luqa kien hemm banda waħda, L'Unione. U kien hemm kumitat bl-isem ta' Società Filarmonica San Andrea, magħrufin bħala tal-Istilla, mingħajr attività, u l-ftit persuni b'ħila li jdoqqu strument, bdew jieħdu sura ta' banda meta stiednu jmur imexxihom is-Surmast T. Galea.**

B'hekk, dak li ilu jintqal u jinkiteb b'mod konsistenti għal dawn l-aħħar sittin sena jew aktar li l-Banda l-Unjoni taf għeruqha fis-sena 1880 u m'hemm l-ebda dubju li l-Banda Unjoni hija l-ewlenija u l-aktar anzjana f'Ħal Luqa. Ma' dan kollu ninnutaw xebħ ieħor fiż-żewġ ittri li juru li ħarġu mill-istess pinna li riedet tenfasizza ċerti punti. Hekk, fl-ewwel ittra b'referenza għall-bandisti, l-awtur juża' l-kelma *neophytes* jiġifieri novizzi, u fit-tieni waħda l-kelma *pupils*, jiġifieri studenti. Iżda fiż-żewġ ittri jipponta lejn il-bandisti tal-Għaqda Sant'Andrija bħala *workmen*, jiġifieri ħaddiema.

Ma rridux u mhix l-intenzjoni li din l-analiżi fuq riċerka u dokumentazzjoni ġdida nħalluha mdendla u noħolqu aktar dubji. Nixtiequ, u hekk qed nagħmlu, li din il-kitba

twassal biex kulħadd jifhem sew x'ġara f'dawk is-snin tal-bidu tat-tmeninijiet tas-seklu dsatax.

**Il-konklużjoni dokumentata iswed fuq l-abjad miġbura f'din il-kitba turu lu l-Banda Sant'Andrija ħarġet iddoqq fil-pubbliku għall-ewwel darba nhar Santa Marija tal-1884 għall-festa tal-Madonna taċ-Ċintura.**

Kulma nkiteb dwar xi attività minn mużiċisti mill-każin Sant'Andrija b'data qabel dawn it-tnejn, hija biss fabbrikazjoni, xewqa u logħba sfaċċata biex jaljenaw. Anzi, mod kif ideffsu storja differenti f'moħħ dawk il-ftit Ħalluqin ta' llum li ma jafux ġrajjiet missirijiethom. Iż-żewġ paġni mill-ġurnal The Malta News and Independent tas-27 ta' Awissu 1884 u tat-3 ta' Settembru 1884 fihom miktub iswed fuq l-abjad id-data tal-ewwel żewġ ħarġiet tal-banda Sant'Andrija. Dan li qed jagħmlu llum qatt ma tħajru jagħmluh snin ilu meta kien għad hawn ħafna xhieda li jiftakru l-ġrajja tal-bidu, tal-ewwel banda Ħalluqija, il-Banda l-Unjoni. Dawn iż-żewġ kitbiet fil-ġurnal tal-1884 ikomplu jsaħħu l-evidenza li l-ewwel banda Ħalluqija dejjem kienet u tibqa' l-Banda L-Unjoni.

Il-Kumitat mgħejjun minn Frances Galea.

## Programm Strumentali mill-

## Banda 12th May

taħt id-direzzjoni ta'
Mro. Hermann Farrugia Frantz

**Nhar il-Ħadd 4 ta' Lulju 2010**
**fuq il-plancier artistiku, fit-8.00pm**

| | |
|---|---|
| **Gioachino Rossini** | LA CENERENTOLA<br>*Sinfonia* |
| **Wolfgang Amadeus Mozart** | SINFONIA NR. 40 – K550<br>*1mo Movimento – Allegro Molto* |
| **Camile Saint-Saens** | SANSONE E DALILA<br>*Mon coeur s'ouvre à ta voix* |
| **James Horner** | THE MASK OF ZORRO<br>*Selection* |
| **Klaus Badelt** | PIRATES OF THE CARIBBEAN<br>THE CURSE OF THE BLACK PEARL<br>*Symphonic Suite* |